# BLA MAGĦRUF

*(Oriġinal ta' Ernest Rauscher: miġjub fil-Malti mill-Ingliż ta' W. Blathwayt).*

Oh ħajja msejkna ! oh taħbit fieragħ !
xortija donnha ngħix bla magħruf :
l-aħjar ta' qalbi, l-isbaħ ta' ħsiebi
nikteb . . . u nħossu kollu mitluf.
Naħdem u nqatta' żmieni fix-xejn,
il-għanja tiegħi ma jduqha ħadd,
u l-vrus li naħdem b'ħeġġa w b'ħeġġejn
ħarsa oħra fuqhom ma tinżel qatt.

*
* *

Fil-waqt li tkellem hekk il-poeta,
bla ma ħolomha, f'art barranija,
imteddet xbejba taħt il-balluta
fil-versi tiegħu kollha mehdija :
għażiż għaliha kien dak il-ktieb
miżmum u mħares taħt il-moftieħ :
"Min hekk", hi ħasbet, "jikteb u jgħanni,
x'hena, Mulejja, għandu jhennih" !

7-8 33 DUN KARM.